L-Eċċellenza tiegħu, 2/11/19
President tar-Repubblika ta' Malta
Dr. George Vella.

Eċċellenza,

Nirringrazzjak talli tajt lill-poplu l-opportunita' li jagħmel is-suġġerimenti tiegħu dwar tibdil li l-Kostituzzjoni ta' Malta tinħtieġ.

Malta tal-lum fis-sena 2019 waslet biex rat tibdil radikali fuq il-fronti kollha: ekonomiċi, soċjali, ambjentali, kulturali u legali.

Dan it-tibdil ilu snin li beda. Fil-bidu kien biss tibdil ta' ħsieb, hekk kif il-popli bdew jistejqru mill-effetti negattivi tal-aħħar gwerra dinjija Imbagħad, il-waqgħa tal-ħajt ta' Berlin fl-1989 kien sinjal ċar u effettiv li ż-żmien il-blokki ideoloġiċi kien spiċċa. Il-bilanċ, jekk jista'jissejjaħ hekk, bejn il-Punent kapitalista u l-Lvant kommunista prattikament kien intemm. Il-kapitaliżmu ttrionfa u b'hekk waqa' kull '*checksand balances'* fuq dan il-blokk rebbieħ. U f'isem il-kapitaliżmu suppost telgħet il-bandiera tal-liberta'.

Kien fuq l-isfond ta' din il-bidla dinjija li twieldet il-kultura hekk imsejjħa POST-MODERNA, kultura li kulħadd qed iħoss l-effetti serji tagħha imma ftit li xejn sar f'kull pajjiż biex jadattaw t-tmexxija nazzjonali kostituzzjonali u speċifikament l-istrutturi kollha ta' kull nazzjon. Il-Post-moderniżmu nbena fuq il-liberta' mingħajr parametri. Waqa' kull ħajt ideoloġiku u ntefa' dubju fuq kull ċertezza tal-imgħoddi pre u post gwerra dinjija. Għal ħafna ċittadini, kull ħsieb sar xettiku; għal bosta, kull valur, li ħareġ mill-Ordni l-Qadim, sar dubjuż: ir-rispett, l-ubbidjenza, is-solidarjeta', id-dommi, it-tolleranza, l-ordni pubblika u domestika, spiritwalita', kull livell ta' kontroll fuq kull espressjoni kulturali, miktuba u espressa.

Il-midja soċjali, li twieldet mal-post-moderniżmu, saret l-essenza ta' din il-kultura. L-ebda kostituzzjoni, s'issa, ma sabet irkaptu biex iddaħħal ftit ordni legali u deċenti f'dan il-qasam. L-istampa, għalkemm ferm eqdem, xorbot minn din l-għajn kulturali ġdida. Il-Liberta' tal-Istampa u tal-espressjoni huma elementi qawwija f'ħafna kostituzzjonijiet fid-dinja, anki f'Malta, imma d-dritt issa twessa bil-kbir u wassal biex ġurnalist tal-lum kiseb drittijiet kważi bla limitu. Ngħidu aħna, ftit li xejn xi ħadd jista'jagħmel xi ħaġa biex iwaqqaf b'xi mod ix-xmara ta' fake news u spins li joħorġu minn diversi tipi ta' midja, inkluża l-istampa. Dan ifisser li ċ-ċittadin u l-Istat sabu ruħhom bla saħħa ta'xejn quddiem dan l-abbuż. L-iċken sinjal ta' xi ħadd biex jipprova jirrimedja jew jirribatti, jiġi interpretat bħala att ta' ripressjoni u npinġi bħala *backlash* ideoloġiku. Dan jiġri wkoll lill-Istat; immaġinaw xi tentattiv minn sempliċi ċittadin li jemmen oġġettivament fis-sewwa.

Din il-filosofija ġdida wasslet għal anarkija kbira kważi fl-oqsma kollha ta' bosta pajjiżi post-moderni. Bil-mod il-mod, din il-kultura rikbet ukoll lil ħafna maltin. Għal kull qasam ta' tmexxija statali u privata, il-post-moderniżmu sar sfida ferm enormi: għall-edukaturi, għall-pulizija, għall-avukati, għas-saċerdoti, għall-carers soċjali, għall-ġenituri u saħansitra għal dawk li jippruvaw iħarsu d-data privata, kunfidenzali u saħansitra għal dawk li jieħdu ħsieb is-sigurta' nazzjonali.

Il-qasam politiku wkoll inqabad fost din il-kultura post-moderna: ħafna abbużi li semmejna fuq jintużaw spiss bla ebda mistħija: fake news, spins, gideb ċar, aggressjoni verbali u bil-kitba tradizzjonlai u elettronika. Tentattivi biex dawn l-abbużi jkunu kontrollati huma apprezzati imma s'issa ma jidhirx li t-tendenza abbużiva qed tinbidel.

Mhux eżenti wkoll minn din l-isfida huwa l-fenomenu tal-immigrazzjoni lejn l-Ewropa, billi dan twieled mill-fatt li l-opulenza u l-liberta' assoluta fl-Unjoni Ewropeja u pajjiżi oħra, huma ta' kuntrast qawwi mal-qagħda soċjali, politika u kulturali fil-pajjiżi li minnhom joriġinaw l-emigranti. Il-miġja tagħhom iġġib xokk kulturali fuq l-immigranti u irritazzjoni fost ħafna pajjiżi li jilqgħuhom billi komdi ħafna jgħixu b'mod esklussiv fl-*establishment* opulenti.

Fid-dawl ta' dan kollu, inħoss li jinħtieġ tibdil importanti fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta:

SUĠĠERIMENTI:

1. Ħtieġa, li parallela maċ-Charters tad-drittijiet tal-bniedem, jidħlu CHARTERS TAD-DOVERI U TAD-DMIRIJIET li jorbtu ċ-ċittadini fejn jidħlu valuri ta' rispett, ubbidjenza, ordni pubblika u domestika, tolleranza, verita', ħniena u valuri ċiviċi partikolari oħra. Il-kostituzzjoni ovvjament ma tidħolx fl-irqaqat għax f'kull applikazzjoni jidħol il-leġislatur. Imma il-kostituzzjoni trid tagħti indikaturi ċari dwar il-ħarsien, mhux biss tad-drittijiet (illum diġa garantiti biha) imma wkoll fejn jidħlu l-obbligi u d-dmirijiet li bħalissa, fil-Kostituzzjoni, huma biss sotto-intesi.

2. Ħtieġa ta' riferenza għal politika razzjonali ta' integrazzjoni marbuta ma' drittijiet u dmirijiet, speċjalment għal dawk l-immigranti li nistgħu nilqgħu f'fostna.

3. L-istess riferenza lejn politika t'integrazzjoni li trid tkopri l-persuni maħkuma mid-drogi, l-aggressuri u vittmi domestiċi u ċ-ċittadini oħra f'sitwazzjonijiet gravi.

4. Il-propjeta' privata dejjem kienet dritt qawwi ħafna imma dan mhux dritt assolut; miegħu hemm ipoteka soċjali u ambjentali li titlob obbligi ta' moderazzjoni fil-bejgħ, fil-kiri u fl-iżvilupp urban u rurali.

Kumment politiku

Hemm punt li dejjem iberren: inħossni ċert li bosta ċittadini ma jridux jaċċettaw li ssir konsultazzjoni mmexxija mill-Eċċelenza tiegħu. Dan il-fatt huwa konsistenti biss mal-kultura li semmejna, fejn ir-rispett lejn kull awtorita', anki lejn l-ogħla kariga tar-Repubblika Maltija, għalihom, żvinta.
Dan jimmina l-iżvilupp kostituzzjonali u t-tisħiħ demokratiku. Barra dan, nemmen li ssir kemm issir konsultazzjoni, fl-aħħar mill-aħħar, l-oppożizzjoni formali u informali toħroġ b'rikatt aħħari: ' tina Jum l-Indipenza bħala l-uniku Jum Nazzjonali u aħna tal-oppożizzjoni naċċettaw it-tibdil propost'.
J'Alla jien żbaljat, imma jekk naqgħu għal dan ir-rikatt, Malta tinqasam min jaf f'kemm il-biċċa.

Sadanittant, nirringrazzjal talli tajtni din l-opportunita' u nixtiqlek li, minkejja kull sfida, dan il-proċess iwassal għal demokrazija aktar b'saħħitha u aktar għaqda nazzonali.

Dr Joseph Mangani